# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' JANNAR, 2024**

**Kawża Numru:2**

**Rik. Ġur. 1062/2017 RGM**

**St. George's Park Company Limited**

**vs.**

**Dr Hugh Peralta**

**Il-Qorti**

1. B'rikors ġuramentat tal-21 ta' Novembru 2017 Norbert Tabone għas-soċjetà attriċi ippremetta li għal numru ta' snin sal-2004, l-Avukat Hugh Peralta flimkien mal-Avukat Dr Noella Grima kienu jippatroċinjaw lis-soċjetà attriċi. Fost oħrajn kien assista lill-imsemmija soċjetà f'kawża kontra Clouds Catering Ltd (1908/2000) u Premier Investments Ltd (2736/1999) li fihom kien qiegħed jintalab l-iżgumbrament tal-imsemmija kumpaniji minn proprjetà mikrija lilhom mis-soċjetà attriċi. Fl-2003, il-konvenut irrinunzja għal patroċinju tas-soċjetà attriċi fiż-żewġ kawżi imsemmija u talab il-ħlas tad-dritt tiegħu skont żewġ taxxi maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti, liema ittri ġew notifikati lis-soċjetà attriċi permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati l-15 ta' Diċembru 2003. Is-soċjetà attriċi kkontestat il-metodu tal-ivvalutar tal-kawżi u kien għalhekk li intavolat żewġ proċeduri ra' ritassa, waħda kontra Dr Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, ir-Reġistratur tal-Qorti u P.L. Rose Sciberras (20/2004) u oħra kontra Dr Hugh Peralta, Dr Noella Grima, ir-Reġistratur tal-Qorti u P.L. Edgar Montanaro (21/2004). Il-vertenza waslet quddiem il-Qorti

tal-Appell (sede Superjuri) u b'sentenza tal-4 ta' Lulju 2008 il-Qorti ddeċidiet favur is-soċjetà attriċi. Dr Hugh Peralta u Dr. Noella Grima intavolaw proċedura ta' ritrattazzjoni fuq bażi ta' allegat "applikazzjoni ħażina tal-liġi" (Artikolu 811 (e) tal-Kapitolu 12). Fis-6 t'Ottubru 2009, il-Qorti tat deċiżjoni f'kull waħda mill-kawża illi permezz tagħha laqgħet ir-ritrattazzjoni u ħassret is-sentenza li kienu jiġu ritratti. Fl-istess sentenza il-Qorti għaddiet biex iddeċidiet l-mertu favur il-konvenut Dr Hugh Peralta. Fid-dawl ta' din is-sentenza, Dr Hugh Peralta insista li jsir il-ħlas fis-somma ta' €286,409 ai termini tat-taxxi kif kkonfermati mill-imsemmija sentenza. Is-soċjetà attriċi ħallset l-imsemmija somma fuq bażi mingħajr preġudizzju li taxxa tiġi dikjarata nulla fil-futur, permezz ta' tlett ċekkijiet maħruġa mill-Bank HSBC, wieħed fis-somma ta' €189,272.74, ieħor fis-somma ta' €94,636.35 u l-aħħar wieħed fis-somma ta' €2,500 msarrfa mill-konvenut fit-28 ta' Novembru 2009. Is-soċjetà attriċi tgħid li t-taxxa tal-ispejjeż mal-kawża kontra Premier Investment Ltd (20/2004) kienet qed tiġi attakkata fi proċeduri separati pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (738/2004) miftuħa mis-soċjetà Premier Investmenets Ltd. B'sentenza tal-14 ta' Mejju 2010, il-Qorti tal-Appell tat sentenza finali li biha, filwaqt li għamlet referenza speċifika għas-sentenza dwar ritrattazzjoni mogħtija nhar is-6 t'Ottubru 2010, ma qablitx ma tali sentenza u ikkapovolġiet ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell kif diversament preseduta. Fid-dawl ta' din is-sentenza is-soċjetà attriċi bagħtet ittra uffiċċjali lill-konvenut u lil Dr Noella Grima datata 25 ta' Mejju 2010 li bija wara li għamlu referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2010, interpellathom biex minnufih jirrifondu s-somma ta' €100,973.68 drittijiet ta' avukat, €33,657.88 drittijiet ta' prokuratur legali, €24,233.68 VAT kif ukoll €79,424, f'imgħax relattiv, f'somma komplessiva allura ta' €238,239.24. Fit-28 ta' Lulju 2010 ġie intavolat ukoll protest. Fid-9 ta' Diċembru 2010 Dr. Hugh Peralta, ħareġ fattura ridotta għall-ammont ta' €85,326.97 u magħha żied interessi fl-ammont ta' €25,699.14, biex b'hekk irrifonda s-somma ta' €175,382.89. Is-soċjetà attriċi fissret li fid-29 t'Ottubru 2009 is-soċjetà attriċi intavolat proċeduri kostituzzjonali li fiha sostniet li s-sentenza mogħtija fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni kienu jiksru d-drittijiet kostituzzjoni tagħha ta' smigħ xieraq. Fis-26 ta' Ġunju 2013, l-ewwel Qorti laqgħet ir-rikors kostituzzjonali u iddikjarat mingħajr effett dik il-parti tas-sentenza tar-ritrattazzjoni fejn ġie deċiż il-mertu. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell mill-Qorti Kostituzzjonali b'dan illi l-kawżi ta' ritassa ġew appuntati mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Appell għal smigħ ta' sottomissjonijiet u deċiżjoni finali. Dawn il-proċeduri ġew deċiżi finalment mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar 2016, fejn il-proċeduri ġew deċiżi favur is-soċjetà attriċi b'dan illi ġew ikkonfermati t-taxxi kif maħduma fuq valur ridott. Kif ingħad aktar 'l fuq il-konvenut irrifonda parti mill-ammont

preċedentement imħallas lilu mis-soċjetà attriċi, però s-soċjetà attriċi ssostni li l-konvenut għadu debitur fil-konfront tagħha li sal-15 ta' Novembru 2017 kien fl-ammont ta' €65,477.29: €25,699.14 interessi fuq l-ammont pretiż mill-konvenut inżamm indebitament; €16,506.21, interessi bir-rata ta' 8% fuq l-ewwel somma; €14,991.63 interessi li ddekorew fuq l-ammonti mħallsa indebitament mir-rikorrenti u li huwa irriduċa permezz tal-fattura tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2010; €18,280.31 imgħax ta' 8% fuq is-somma ta' €14,991.63. B'ittra legali tal-21 ta' Ġunju 2017 u b'ittra uffiċċjali tas-27 ta' Lulju 2017, is-soċjetà attriċi interpellat lill-konvenut li baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża sabiex jitlob lil din il-Qorti:

> "(i) Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti St George's Park Company Limited fis-somma totali ta' ħamsa u sittin elf u erba' mija u sebgħa u sebgħin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€65,477.29) jew somma verjuri, konsistenti f'ammonti mħallsa indebitament mir-rikorrenti lill-intimat, u imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Novembru 2017;
>
> (ii) Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma msemmija ta' ħamsa u sittin elf u erba' mija u sebgħa u sebgħin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€65,477.29) jew somma verjuri likwidata minn din il-Qorti skont l-ewwel talba;
>
> Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali intavolat mir-rikorrent, u bl-imgħaxijiet ulterjuri fuq is-somom mitluba sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimat illi huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni."

2. Fit-22 ta' Diċembru 2017, il-konvenut ippreżenta risposta fejn eċċepixxa li t-talbiet huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 12. Fil-mertu u bla preġudizzju eċċepixxa wkoll li l-azzjoni attriċi għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi, peress li ebda ammont m'huwa dovut minnu.

3. Rat li b'sentenza in parte tal-31 ta' Jannar 2019 din il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża.[1]

4. Rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet.

---

[1] Fol 204 et seq tal-proċess.

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi ppreżentata fit-28 ta' Marzu 2023[2] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2023[3].

6. Rat l-atti kollha tal-kawża.

7. Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

8. Din hija azzjoni għall-pagament ta' ammont allegatament imħallas indebitament.

9. Il-Fatti Rilevanti fil-Qosor huma s-segwenti.

10. Il-konvenut kien jippatroċinja bħala avukat lis-soċjetà attriċi f'żewġ kawżi, waħda kontra s-soċjetà Clouds Catering ltd u oħra kontra s-soċjetà Premier Investment Ltd. F'dawn iż-żewġ kawżi kien intalab l-iżgumbrament tal-imsemmija kumpaniji minn proprjetà mikrija lilhom mis-soċjetà attriċi. Fl-2003, il-konvenut irrinunzja għal patroċinju tas-soċjetà attriċi fiż-żewġ kawżi imsemmija, talab lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex joħroġ taxxa tad-drittijiet tiegħu sakemm irrinunzja għall-patroċinju. Ir-Reġistratur ħareġ iż-żewġ taxxi f'Lulju 2003 skond liema id-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali kienu flimkien jammontaw għal Lm11,062.66 fil-kawża kontra Clouds Catering Ltd u Lm57,797.33 fil-kawża kontra Premier Investments. Fil-15 ta' Diċembru, 2003 l-Avukati Peralta u Grima ippreżentaw żewġ ittri uffiċjali kontra s-soċjeta' attriċi sabiex jirrendu ż-żewġ taxxi eżegwibbli u interpellaw il-ħlas.

11. Is-soċjeta' attriċi ikkontestat dawn iż-żewġ taxxi peress li qieset li r-Reġistratur kien ħadem ħażin drittijiet in kwantu ma applikax 'capping' ta' 25 sena minflok ħa in konsiderazzjoni iż-żmien kollu li kien fadal għall-għeluq tal-kirja. Dan għamel differenza enormi peress li għat-tmiem tal-kirja impunjata kien fadal ferm aktar minn 25 sena.

12. Għalhekk is-soċjeta' attriċi intavolat żewġ kawżi ta' ritassa li ġew assenjati lil żewġ imħallfin differenti.

---

[2] Fol 295 et seq tal-proċess.

[3] Fol 316 et seq tal-proċess.

13. Il-kawża 21/2004TM ġiet deċiża fit-28 ta' April, 2005 fejn il-qorti ċaħdet it-talba għal ritassa, qieset illi r-Reġistratur kien ħadem tajjeb it-taxxa peress li kkonsidrat li fir-rigward ta' kirja, b'differenza ta' emfitewsi temporanja, il-liġi ma kentix timponi *capping* ta' 25 sena.

14. Fil-kawża 20/2004GCD deċiża fid-9 ta' Ġunju, 2005 in invece it-talba għal ritassa ġiet milqgugħa għaliex il-Qorti irriteniet illi kien żbaljat ir-Reġistratur "meta qies is-snin kollha li fadal mill-kuntratt tal-kiri għalkemm dawn kienu aktar minn ħamsa u għoxrin sena, u kellu, minflok, jimmultiplika l-kera ta' sena għal ħamsa u għoxrin darba biex joħroġ il-valur.". Għalhekk ħassret it-taxxa mertu ta' dik il-kawża.

15. Filwaqt li s-sentenza tat-28 t'April 2005 ġiet appellata mis-soċjetà konvenuta, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2005 ġiet appellata mill-Avukat Peralta u l-Avukat Grima.

16. Iż-żewġ appelli ġew deċiżi mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Lulju 2008 fejn ikkonfermat is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2005 fil-kawża 20/2004GCD filwaqt li laqgħet l-appell fil-kawża 21/2004TM, ħassret is-sentenza u għaddiet sabiex ħassret it-taxxa maħruġa mir-Reġistratur relativa għal dik it-taxxa.

17. Minn dawn iż-żewġ s-sentenzi l-Avukat Peralta u l-Avukat Grima resqu talba għal ritrattazzjoni ai termini tal-Aritkolu 811 (e) tal-Kapitolu 12 mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Għar-raġunijiet hemm mogħtija, il-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru 2009 laqgħet it-talba għar-ritrattazzjoni, ħassret iż-żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell preċedentement u għaddiet mill-ewwel sabiex iddecidiet il-mertu billi tat raġun lill-Avukat Perelata u lill-Avukat Grima bil-konsegwenza illi t-taxxa kif oriġinarjament maħduma mir-Reġistratur tal-Qorti ġiet ikkonfermata.

18. Rinfaċċjata b'dawk is-sentenzi s-soċjeta' attriċi f'Ottubru/Novembru 2009 ħallset l-ammonti skond iż-żewġ taxxi ta' Lulju 2003[4], ammontanti komplessivament għal €286,409.00 liema pagamenti saru b'riżerva li jittieħdu passi għal rifużjoni in vista li kienu ser jiġu intavolati proċeduri kostituzzjonali sabiex jikkontesstaw is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 2009 u anke in vista tal-kawża ta' ritassa li Premier Investments kienet intavolat dwar l-istess kawża u li kienet waslet fi stadju tal-appell.

19. Fl-4 ta' Marzu 2010 is-soċjetà attriċi ntavolat proċeduri kostituzzjonali kontra l-Avukat Ġenerali, Reġistratur tal-Qorti, Dr Hugh Peralta, Dr Noella Grima,

[4] Ara ittra a fol 111 u ittra a fol 113

Prokuratur Legali Edgar Montanaro u Prokuratur Legali Rose Sciberras għal kull interess li jista' jkollhom (Rik Kost 21/2010) fejn fiha s-soċjetà attriċi lmentat, għar-raġunijiet hemm mogħtija, li ġew leżi l-jeddijiet tagħha sanċiti taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Aritkolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. B'sentenza tas-26 ta' Ġunju 2013, il-Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) ċaħdet laqgħet it-talba tas-soċjeta' attriċi, u d-dikjarat illi "t-tieni parti tas-sentenzi msemmija fir-rikors kisru d-dritt fundamentali tas-soċjeta' rikorrenti billi ma kellhiex smiegħ xieraq fir-rigward imħares mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk tiddikjara bla effett dik il-parti tas-sentenzi msemmija fejn ġew deċiżi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti, u tħalli bla mittiefsa biss il-parti tal-istess sentenzi fejn il-Qorti tal-Appell ordnat is-smiegħ mill-ġdid tal-kawżi in kwistjoni." Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2014

20. Sussegwentement il-Qorti tal-Appell semgħat is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-mertu rispettiv u b'sentenzi tat-18 ta' Frar 2016 ikkonfermat s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fl-4 ta' Lulju 2008 bil-konsegwenza li ż-żewġ taxxi maħruġa f'Lulju 2003 ġew definittivament imħassra.

21. Ġara li fil-frattemp il-kawża ta' ritassa li kienet ġiet intavolata minn Premier Investments[5] ġiet deżiza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju, 2010 fejn ħassret it-taxxa li kien ħareġ ir-Reġistratur peress li qieset fost l-oħrajn li ma kienx applika il-*capping* ta' 25 sena. Fil-25 ta' Mejju, 2010 is-soċjeta' attriċi ippreżentat ittra uffiċjali kontra l-Avukati Peralta u Grima u filwaqt li għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Mejju, 2010 interpellathom jirrifondu €100,973.68 drittiijiet ta' avukat, €33,657.88 drittijiet ta' prokuratur legali, €24,233.68 VAT u €79,424.00 imgħax fuq l-ammonti imsemmija. Peress li l-ebda ammont ma ġie rifuż is-soċjeta' attriċi ippreżentat protest ġudizzjarju fit-28 ta' Lulju 2010.

22. Fid-9 ta' Diċembru 2010 il-konvenut bgħat lis-soċjeta' attriċi rifużjoni tas-somma ta' €175,382.89 wara li r-Reġistratur irrilaxxja taxxa ġdida skond id-direzzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell. Dik it-taxxa ma ġietx ikkontestata.

23. Irriżulta illi l-konvenut ma rrifondiex is-somma ta' €25,699.14 għaliex qed isostni li din is-somma tirrapreżenta l-imgħax legali lilu dovut fuq id-drittijiet li rriżultaw lilu dovuti skond il-metodu tal-25 sena capping kalkolat dan l-imgħax legali mill-15 ta' Diċembru, 2003, id-data tal-ittri uffiċjali li kien ippreżenta anness magħhom t-taxxi ta' Lulju 2003 li eventwalment ġew

[5] Nru 738/2004

imħassra b’sentenzi finali tal-Qorti tal-Appell, u d-data tal-pagament fil-21 ta’ Diċembru, 2009.

24. Is-soċjetà attriċi tillamenta li l-konvenut ma kellu dritt għall-ebda imgħax peress li t-taxxi maħruġa f’Lulju 2003 ġew ikkontestati minnha u finalment imħassra b’sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta’ Frar 2016 wara sensiela ta’ kawżi ta’ ritassa, appelli, ritrattazzjonijiet u appelli mismugħa mill-ġdid. Is-soċjeta’ attriċi tgħid illi mhux biss ma għandiex tħallas imgħax kif qed jippretendi l-konvenut, talli għandha dritt għall-imgħax fuq l-ammont ta’ €25,699.14 li qed tippretendi li jiġi rifuż kalkolat minn meta tħallsu b’riżerva bħala parti minn somma akbar f’Novembru/Diċembru 2009.

25. Il-konvenut mill-banda l-oħra jsostni illi għandu jedd għal dak l-imgħax peress li għalkemm irriżulta li l-ammont minnu reklamat permezz taż-żewġ ittri uffiċjali tal-15 ta’ Diċembru, 2003 ġew imħassra, ladarba s-soċjeta’ attriċi ma kenitx qed taqbel mat-taxxi, l-uniku mod li kellha sabiex teżimi ruħha mir-responsabbilita’ li tħallas l-imgħax kien li toffri l-ammont li skont hi kien dovut u li jekk jiġi rifjutat tiddepożitah taħt l-awtorita’ tal-qorti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

26. Il-provvedimenti legali rilevanti huma **Artikoli 1139, 1141 u 1142 tal-Kodiċi Ċivili**:

> “1139. Bla ħsara ta’ kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta’ somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.
>
> 1141. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.
>
> (2) F’kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b’ att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

1142. L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena."

27. Fis-sentenza **Renato Ellul vs. Emmanuel Delicato noe** mogħtija fit-30 ta' Mejju 2003 ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell illi:

> "Skond l-artikolu 1139 fuq riprodott, l-imghaxijiet li ghandhom jithallsu minhabba d-dewmin fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni huma kunsidrati bhala "danni" li, skond l-artikolu 1140 huma dejjem dovuti minghajr "ma jkun jinhtieg li l-kreditur jipprova li bata xi telf." Dan stabbilit il-ligi tkompli billi, ghal dak li jirrigwarda meta dawn id-danni jibdew jiddekorru kontra l-obbligat, taghmel distinzjoni bejn obbligazzjonijiet ta' natura kummercjali, fejn l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija jibdew jiddekorru immedjatament minn meta l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita, u dan indipendentement minn kwalunkwe interpellazzjoni ufficjali jew att gudizzjarju; u dawk l-obbligazzjonijiet l-ohra kollha – mhux ta' natura kummercjali – meta l-imghaxijiet jibdew jiddekorru minn dak in-nhar "illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju.""

28. Minn dawn l-artikoli u anke mill-ġurisprudenza, wieħed jista' jiddeduċi li l-interessi jistgħu jkunu nkwadrati fi tlett kategoriji:

    a. dawk moratorji dovuti b'titolu ta' riżarċiment ta' danni għad-dewmien tad-debitur fl-adempiment ta' l-obbligazzjoni (eżempju Artikolu 1141(1) moqri flimkien mal-Artikolu 1130(1) tal-Kodiċi Ċivili);
    b. dawk korrispettivi in kwantu jirrappreżentaw il-korrispettiv tat-tgawdija ta' somma determinata ta' flus oltre l-iskadenza tal-kreditu (eżempju Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili); u
    c. dawk kompensattivi, riżultanti minn kwalunkwe dewmien jew dak tas-sempliċi skadenza tad-debitu.

29. L-interessi ġeneralment jingħataw b'titolu ekwitattiv biex jikkumpensaw lill-kreditur tal-obbligazzjoni mit-telf tal-godiment tas-somma riżarċitorja u dan ai termini ta' dak li jipprovdi l-**Artikolu 1047 (1) tal-Kodiċi Ċivili**: "l-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet li jinqiesu bit-tmienjafil-mija fis-sena."

**Imgħax Legali fuq Ammont Inferjuri għal dak Pretiż**.

30. Mhux kontestat illi id-drittijiet ta' avukat naxxenti minn taxxa ġudizzjarja ma humiex ta' natura kummerċjali. Għalhekk huwa applikabbli Artikolu 1141 (2) tal-Kodiċi Ċivili b'dan illi l-imgħaxijiet jiddekorru minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju.[6] Sabiex jiddekorri l-imgħax jeħtieġ illi is-sejħa b'att ġudizzjarju tkun ta' somma determinata fl-att ġudizzjarju.

31. Fil-każ de quo fil-15 ta' Diċembru 2003 Dr Hugh Peralta u Dr Noella Grima ippreżentaw żewġ ittri uffiċċjali, waħda tirrigwarda id-drittijiet u spejjeż ġudizzjarji għal kawża fl-ismijiet **St George's Park Company Limited vs. Clouds Catering Limited** (Ċit Nru 1908/00) u oħra għal kawża fl-ismijiet **St George's Park Company Limited vs. Premier Investments Ltd** (Ċit Nru 2736/99). Fiż-żewġ ittri uffiċċjali jingħad illi kienu qed jiġu reżi eżegwibbli ż-żewġ taxxi rilaxxjati mir-Reġistratur tal-Qorti u li kien qed jintalab il-ħlas ta' Lm9,541.55 fir-rigward tal-ewwel kawża imsemmija u Lm49,850.20 fir-rigward tat-tieni kawża.

32. Il-konvenut jissottometti illi għalkemm huwa minnu li eventwalment irriżulta li l-ammont dovut mis-soċjeta' attriċi lilu kien inferjuri għal dak imsemmi fiż-żewġ ittri uffiċjali, pero' jgħid illi l-unika mod sabiex is-soċjeta' attriċi teħles mill-obbligu tal-ħlas ta' imgħax kien billi toffri l-ħlas tas-somma li skont hi kienet dovuta u fin-nuqqas li tiġi aċċettata tiddepożitah taħt l-awtorita' tal-qorti.

33. Huwa minnu li hija ġurisprudenza kostanti li ġialadarba jkun hemm interpellazzjoni b'att ġudizzjarju ta' ammont determinat, imgħax legali jiġi akkordat b'effett mid-data tan-notifika, anke jekk l-ammont kanonizzat ikun inferjuri għal dak oriġinarjament reklamat. F'tali ċirkostanzi huwa mistenni illi min qed jikkontesta parti mill-ammont reklamat, sabiex jeżimi ruħu mill-imgħax fuq il-parti mhux kontestata għandu joffri dak l-ammont bla preġudizzju u f'każ li jiġi rifjutat jiddepożita taħt l-awtorita' tal-qorti u b'hekk jeħles mill-obbligu ta' ħlas ta' imgħax legali. Kif inżamm reċentement mill-Qorti tal-Appell "Hija ġurisprudenza nostra illi meta l-attur jitlob ħlas ta' somma speċifika, u l-Qorti takkorrda t-talba iżda f'ammont ridott, l-imgħax jiddekorru xorta waħda mid-data tat-talba." (**Miriam Mercieca v. Mega Developments Limited et.** - 26 ta' Ottubru, 2022). Fuq l-istess linja ta' ħsieb hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fil-kawża **Fogg Insurance Agencies Ltd noe vs. Paul Tabone** deċiża fis-17 ta' Frar 2003:

[6] Ara **Anthony Debono et vs. Anthony Debono et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-27 ta' Frar 2008.

"Fuq l-aggravju ta' l-interessi u d-dekorriment taghhom il-Qorti tinnota li fil-korp ta' l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("**O'Connor – vs- Bruno Olivier**" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci iggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora"."[7]

34. Tenut kont li s-soċjetà attriċi kienet qiegħda tikkontesta l-interpellazzjoni għall-ħlas tad-drittijiet tal-konvenut mhux għaliex kienet qed tqis illi ma kien hemm xejn dovut iżda għaliex qieset illi t-taxxi kienu inħadmu ħażin u allura kienu qed jindikaw ammont skont l-attriċi eċċessiv, hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha r-rimedju ai termini tal-**Artikolu 1173 et seq tal-Kodiċi Ċivili** billi toffri lill-konvenut l-ammont li skont hi kien dovut, u dan mingħajr preġudizzju għall-pretensjonijiet reċiproċi ai termini tal-Artikolu 1175 (c) tal-Kodiċi Ċivili. Naturalment tali offerta ta' ħlas ma tridx issir a saldu iżda akkont tal-ammont pretiż min-naħa l-oħra u kkontestat minn min jagħmel l-offerta. Altrimenti l-offerta ma tkunx valida għall-finijiet tal-Artikolu 1173.

35. U f'każ li tali offerta valida tiġi rifjutata, is-soċjeta' attriċi setgħat tgħaddi sabiex tiddepożita l-ammont li skont hi kien dovut taħt l-awtorita' tal-qorti. B'hekk setgħat teħles, kieku riedet, mill-obbligu tal-imgħax fuq l-ammont mhux kontestat bis-saħħa tal-Artikolu 1173 (2) tal-Kap. 16 li jipprovdi illi depożitu taħt l-awtorita' tal-qorti ta' ammont validament offert u rifjutat jeħles lid-debitur mill-imgħax fuq dak l-ammont hemm depożitat għaliex ikun jiswa daqs ħlas lill-kreditur.

36. Issa kif rajna, wara l-ittri uffiċjali tal-15 ta' Diċembru, 2002 l-ebda offerta ta' ħlas mingħajr preġudizzju ta' ammont ridott ma saret mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut sabiex pendenti l-proċeduri ta' kontestazzjoni tħallas somma ridotta li skont l-attriċi kienet dovuta li finalment, fis-sena 2016 ingħatat raġun dwarha. Kien biss wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 2009, kważi seba' snin wara, illi l-ammont mhux kontestat ġie mħallas lill-konvenut.

37. Is-soċjeta' attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha tgħid illi ma jistax jingħad illi l-interessi bdew jiddekorru mis-sena 2003 għaliex fis-sena 2008 "kien hemm

[7] Ara wkoll **Joseph Pisani et vs. David Mamo et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Settembru 2019.

sentenzi tal-Qorti tal-Appell li kkonfermat li dawk l-ammonti ma kellhomx jitħallsu". Fil-verita' s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tal-2008 ħassru t-taxxi li kienu inħarġu fis-sena 2003. Pero' ma qalux li l-ebda ammont ma hu dovut. Anzi ddikjaraw illi l-ammont tad-drittijiet tal-konvenut kellu jiġi kalkolat billi jiġi meqjus *capping* ta' 25 sena, it-teżi tas-soċjeta' attriċi mill-bidunett. L-atti juru illi sabiex isir il-kalkolu bil-*capping* ta' 25 sena ma kienx xi eżerċizzju matematiku kkumplikat.

38. Una volta dawk is-sentenzi kienu jaqblu mat-teżi tas-soċjeta' attriċi, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenut intavola proċeduri ta' ritrattazzjoni, jekk is-soċjeta' attriċi riedet teżimi ruħha mill-obbligu tal-ħlas ta' imgħax legali fuq l-ammont minnha rikonoxxut bħala dovut kalkolat bil-*capping* ta' 25 sena, hija kellha ssegwi dak provdut bl-artikoli 1173 et seq tal-Kap. 16. Minn dan kollu ma għamlet xejn is-soċjeta' attriċi u għalhekk fuq l-ammont li rriżulta dovut ma tistax tinvoka l-eċċezzjoni ta' "in illiquidis non fit mora".

39. Għalhekk tqis illi bis-saħħa taż-żewġ ittri uffiċjali tal-15 ta' Diċembru 2003 notifikati lis-soċjeta' attriċi fit-22 ta' Diċembru, 2003, beda għaddej imgħax legali fuq l-ammont ta' drittijiet professjonali li eventwalment irriżultaw dovuti u li l-ħlas tagħhom la ġie offert validament lill-konvenut u wisq anqas ġew depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 1173 et seq tal-Kap. 16.

**40. Għaldaqstant tqis illi l-ewwel talba attriċi in kwantu qed jintalab il-ħlas lura tas-somma ta' €25,699.14 ma hiex fondata u qed tiġi respinta.**

**41. Konsegwentement qed tiġi wkoll respinta t-talba attriċi għall-ħlas tas-somma ta' €16,506.21 li skont l-attriċi kienu l-imgħax lilha dovut fuq is-somma ta' €25,699.14 li kif rajna ma hiex dovuta.**

42. Jibqa' biss jiġi kkunsidrat dik il-parti tat-talba attriċi referibbli għall-pretensjoni tal-ħlas tas-somma ta' €14,991.63 rappreżentanti skont l-attriċi l-imgħax fuq dawk l-ammonti minnha mħallsa indebitament u eventwalment rifużi lilha mill-konvenut.

**Imgħax fuq ammont imħallas indebitament.**

43. It-tielet ammont mitlub mis-soċjetà attriċi ġie spjegat hekk: "Jirriżulta wkoll illi fil-kalkoli tiegħu l-intimat Dr Peralta ma qiesx l-interessi li laħqu ddekorrew fuq l-ammonti <u>mħallsa indebitament</u> mir-rikorrenti u li huwa stess irriduċa

permezz tal-fattura tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2010. Dawn l-imgħaxijiet iwasslu għas-somma ta' €14,991.63, liema somma wkoll jeħtieġ illi tiġi rifuża." (sottolinear tal-qorti).

44. Mit-tabella annessa mar-rikors promotur jirriżulta li s-soċjetà attriċi qiegħda titlob għall-ħlas ta' imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma ta' €175,382.89 mit-28 ta' Novembru 2009 ċioe minn meta sar il-ħlas mis-soċjetà attriċi sa meta l-imsemmija somma ġiet rifuża fit-22 ta' Diċembru, 2010.

45. Il-konvenut jisħaq li mhux minnu li hemm imgħax dovut imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan u dan għaliex meta saru l-ħlasijiet mis-soċjetà attriċi, "hija kienet assoġġettat l-eventwali dritt tagħha għar-rifużjoni mat-tħassir tat-taxxi ġudizzjarji li għab-bażi tagħhom saru l-ħlasijiet"[8] u għalhekk il-pagament sar b'kundizzjoni espressa. Spjega li r-rifużjoni f'Diċembru 2010 saret minn jeddu u mhux għax kien obbligat u dan għaliex sa dak il-mument ma kienx hemm eżitu finali għal proċeduri imsemmija fl-ittra tas-soċjetà attriċi u allura l-kondizzjoni imposta mis-soċjetà attriċi kienet għadha ma seħħitx. Il-konvenut jispjega li huwa kien għamel ir-rifużjoni parzjali f'Diċembru 2010 minħabba kwistjoni marbuta mal-ħlas tal-VAT u dan wara li s-soċjetà attriċi għamlet rapport mad-Dipartiment tal-VAT.

46. Fl-ittra tas-soċjeta' attriċi datata 28 ta' Ottubru 2009 u li magħha kien hemm anness l-ewwel ċekk pagabbli lill-konvenut jingħad li l-pagament sar bis-segwenti kondizzjoni: "*We are enclosing a cheque for the legal fees claimed totalling €189,272.74 also covering VAT as requested however clients reserve their rights at law to demand a refund should the taxed bills of costs be declared null and void in future proceedings."* L-istess kundizzjoni għamlitha s-soċjeta' attriċi maż-żewġ pagamenti li segwew.

47. Huwa minnu li meta rċeva dawk it-tlett pagamenti l-konvenut kien jaf illi s-soċjeta' attriċi kienet ser tibqa' tikkontesta t-taxxi maħruġa f'Lulju 2003 nonostante s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell mogħtija fis-6 ta' Ottubru, 2009 wara ritrattazzjoni. Is-soċjeta' attriċi avżatu li kien għad hemm pendenti kawża istitwita minn Premier Investments, li fiha l-konvenut ma kienx parti, kif ukoll li kien beħsiebha tistitwixxi kawża kostituzzjonali.

48. Tajjeb jiġi sottolineat illi sal-mument li l-konvenut irrifonda s-somma imsemmija, l-aħħar sentenzi tal-Qorti tal-Appell sa dak il-mument kienu

[8] Fol 320 tal-proċess.

ddikjaraw illi t-taxxi ta' Lulju 2003 kienu validi u allura l-konvenut kellu kull jedd jiddeduċi sa dakinhar illi kellu jedd iżomm dak l-ammont. Huwa minnu li b'ittra uffiċjali tal-25 ta' Mejju, 2010 is-soċjeta' attriċi kienet interpellat lill-konvenut sabiex jirrifondi s-somma ta' €238,289.24 (wara sentenza tal-Qorti tal-Appell f'kawża ta' ritassa istitwita minn Premier Investments li fiha l-konvenut ma kienx parti). Pero' dik l-ittra uffiċjali kienet intavolata wkoll fl-isfond li t-taxxi ta' Lulju 2003 li kienu jirregolaw lill-partijiet fil-kawża odjerna kienet għadhom meqjusa mill-qorti bħala validi.

49. Kien biss wara l-involviment tad-Dipartiment tal-VAT fuq l-aspett fiskali tal-kwistjoni li l-konvenut iddeċieda li jeffettwa rifużjoni ta' parti sostanzjali minn dak li kien irċeva, ammontanti tali rifużjoni għas-somma ta' €175,382.89, liema rifużjoni seħħet fid-9 ta' Diċembru, 2010. Dan seħħ snin qabel ma kien hemm fit-18 ta' Frar, 2016 is-sentenzi li qatgħu definittivament il-kwistjoni u ħassru b'mod definittiv it-taxxi ta' Lulju 2003.

50. Kull ħlas jissoponi dejn, u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata, jista' jintalab lura. Huwa biss meta dak li jitħallas kellu jingħata bis-saħħa ta' obbligazzjoni naturali li ma hemmx azzjoni għall-ħlas lura. **(Art. 1147 Kap. 16)**.

51. Il-Kodiċi Ċivili jipprovdi wkoll illi dak li mingħajr jedd ikun irċieva l-ħlas ta' somma ta' flus għandu, jekk ikun għamlu b'mala fidi, irodd sew il-kapital kemm ukoll l-imgħaxijiet minn dak in-nhar tal-ħlas. Iżda jekk ikun għamlu b'bona fidi, mhux obbligat irodd ħlief il-kapital biss **(Art. 1023 Kap. 16)**.

52. Sabiex l-attriċi tirnexxi fit-talba tagħha dwar l-imgħax fuq is-somma imħallsa indebitament kien meħtieġ mhux biss il-prova tal-indebitu, li f'dan il-każ tresqet sodisfaċentement, iżda wkoll li l-ammont kien ġie riċevut mill-konvenut in mala fede.[9] Sal-mument li l-ammont imsemmi ġie rifuż il-konvenut kien qed jaġixxi fit-termini ta' żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Appell. Il-fatt li dawk iż-żewġ sentenzi ġew eventwalment snin wara parzjalment annullati b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ma jrendux l-aġir tal-konvenut fiż-żmien rilevanti bħala wieħed in mala fede. Lanqas l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Mejju, 2010 u l-protest ġudizzjarju tat-28 ta' Lulju, 2010 ma setgħu iqegħdu lill-konvenut in mala fede stante li f'dak il-mument li rċeva l-ħlas l-aħħar sentenzi tal-Qorti tal-Appell kienu jipprovdu illi l-konvenut kellu jedd għal dak l-ammont. U kien għalhekk li l-attriċi ħallset, sew għaliex interpellata mill-konvenut kif ukoll għaliex b'dawk is-sentenzi l-konvenut seta' jgħaddi sabiex jitlob il-ħruġ tal-mandati eżekutivi.

---

[9] **Claire Magri v. Francis Spiteri et.** - Appell Superjuri - 25 ta' Novembru, 2016

53. **Għalhekk din il-Qorti qed tiddeċiedi illi fin-nuqqas tal-prova ta' 'mala fede' da parti tal-konvenut, l-ebda imgħax legali ma hu dovut fuq is-somma ta' €175,382.89 imħallsa indebitament mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut f'Novembru 2009 u rifuża f'Diċembru 2010.**

54. **Miċħuda t-talba għall-imgħax jikkonsegwi illi t-talba għall-ħlas ta' imgħax fuq imgħax hija wkoll infondata u qed tiġi respinta.**

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tilqa'** t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut.

2. **Tiċħad** it-talbiet attriċi.

   **Bl-ispejjeż** jitħallsu in kwantu għal dawk marbuta mas-sentenza *in parte* fl-ismijiet premessi tal-31 ta' Jannar, 2019 a karigu tal-konvenut; il-kumplament tal-ispejjeż a karigu tas-soċjeta' attriċi.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Jannar, 2024

**Deputat Reġistratur**